

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9483 — Engie/Powerlines)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 285/04)

1. Fis-16 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Engie S.A. (Franza, "Engie"),
- Powerlines Group (l-Awstrija, "Powerlines")

Engie takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Powerlines kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitàjiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Engie hija kumpanija industrijali attiva fl-oqsma tal-gass, l-elettriċità u servizzi tal-enerġija. Hija attiva tul il-katina kollha ta' valur tal-enerġija.
- Powerlines hija attiva fl-elettrifikazzjoni tal-ferroviji u tas-soluzzjonijiet tal-wires li jgħaddu fuq il-ferroviji prinċipalment fir-Renju Unit, il-Ġermanja u l-Awstrija u hija attiva fit-trasmissjoni tal-enerġija u fl-istallazzjoni tal-wires tad-distribuzzjoni fil-Ġermanja u l-Awstrija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġeja dejjem tiġi speċifikata:

M.9483 — Engie/Powerlines

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").